**L-Erbgħa**

**Ir-Raba' ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Nieżla x-xemx b'tislima ħelwa
lill-għoljiet, għelieqi w baħar,
u bil-wegħda li filgħodu
terġa' żżurna biex tferraħna.

2.
Ftit ħin ieħor tgħib, u d-dalma
tgħatti l-art bi star sewdieni;
jieqfu l-ħsejjes, taqa' l-ħedla,
u l-għajnejn fl-irqad jingħalqu.

3.
Iżda waqt li s-skiet isaltan
u l-mistrieħ kulħadd ifittex,
qalbna tishar u tixtieqek,
o Mulej li tgħasses fuqna.

4.
Inti tibqa' tħaddem fina
ġid it-tama w dawl il-fidi;
il-Verb tiegħek jibqa' magħna
biex idawwal dlamijietna.

5.
Huwa x-xemx li dejjem tiddi,
qatt ma titla', qatt ma tinżel;
lilu d-dinja tixtieq tilbes,
bħalma jlibbes bih lis-sema.

6.
Dan id-dawl, Missier, agħtina,
ħa nitgħaxxqu bih għal dejjem,
għat-tifħir tal-glorja tiegħek,
t'Ibnek Sidna w ta' l-Ispirtu. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 L-għerf tiegħek hu ta' l-għaġeb, Mulej, ma nwassalx għalih.
L-Għid: Għalik, Mulej, il-lejl jiddi bħan-nhar, hallelujah.

**Salm 138 (139),1-18.23-24**

**I**

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni; †
int taf meta noqgħod u meta nqum, *
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi; *
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma, *
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.

Dawramejt inti tħaddanni, *
u tqegħedli idek fuqi.
L-għerf tiegħek ta' l-għaġeb, †
ma nwassalx għalih; *
għoli wisq, ma nlaħħaqx miegħu.

Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek? *
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int; *
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ, *
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek. *
u taqbadni l-leminija tiegħek.
Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam, *
ħa jkunli d-dawl lejl madwari,"
anqas id-dlam ma hu mudlam; †
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar; *
id-dlam bħad-dawl għalik.

Ant. L-għerf tiegħek hu ta' l-għaġeb, Mulej, ma nwassalx għalih.
Ant. 2 Jiena hu l-Mulej, li nifli l-moħħ u ngħarbel il-qlub, biex nagħti 'l kull wieħed skond l-imġiba tiegħu.
L-Għid: Jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi, u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili, hallelujah.

**II**

Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi, *
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Inroddlok ħajr, għax ta' l-għaġeb għamiltni: †
ta' l-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek. *
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.

Ma kienx moħbi għadmi minnek, †
meta kont qiegħed insir fis-satra *
u nintiseġ fil-qigħan ta' l-art.
Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi: *
kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek;
u jiemi kienu ġa magħduda *
meta ebda wieħed ma kien għad hemm.

Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, o Alla! *
Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom!
Li kelli ngħoddhom, huma aktar mir-ramel; *
x'ħin nasal fl-aħħar, inkun għadni fil-bidu miegħek.

Għarbilni, o Alla, u agħraf qalbi; *
iflini, u kun af ħsibijieti.
Ara iniex miexi fi triq ħażina, *
u mexxini fit-triq ta' dejjem.

Ant. Jiena hu l-Mulej, li nifli l-moħħ u ngħarbel il-qlub, biex nagħti 'l kull wieħed skond l-imġiba tiegħu.
Ant. 3 Kollox bih kien maħluq, kollox bih qiegħed iżomm.
L-Għid: Sebħu jiksi s-smewwiet, foħritu tiksi l-art, hallelujah.

**Kantiku (Kol 1,12-20)**

Roddu ħajr lill-Missier, †
li għamilkom denji *
li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.
Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam, *
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż,

li bih għandna l-fidwa, *
il-maħfra tad-dnubiet.

Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, *
il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;
għax bih kien maħluq kollox: *
fis-sema u fl-art,
dak kollu li jidher †
u dak kollu li ma jidhirx, *
troni u ħakmiet, prinċpati u setgħat.

Kollox bih u għalih kien maħluq, †
hu qabel kollox, *
u kollox bih qiegħed iżomm.
Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja; †
hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, *
sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

Fih għoġobha tgħammar il-milja kollha tad-divinità, *
fih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu,
u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, *
ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

Ant. Kollox bih kien maħluq, kollox bih qiegħed iżomm.

**LEZZJONI QASIRA 1 Ġw 2,3-6**

B'dan nafu li nagħrfu lil Ġesù: jekk inżommu l-kmandamenti tiegħu. Min jgħid, 'Jiena nafu', u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-verità m'hijiex fih. Iżda kull min iżomm il-kelma tiegħu, fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha. B'dan nagħrfu li aħna fih. Dak li jgħid li qiegħed jgħammar fih, jeħtieġ li jgħix kif għex hu stess.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Bħal ħabba ta' l-għajn, * Ħarisna, Mulej. Bħal ħabba.
V. Għad-dell ta' ġwenħajk kenninna. * Ħarisna, Mulej. Glorja. Bħal ħabba.

Ant. tal-kant. ta' Marija Uri, Mulej, il-qawwa ta' driegħek; xerred l-imkabbra u għolli ċ-ċkejknin.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Uri, Mulej, il-qawwa ta' driegħek; xerred l-imkabbra u għolli ċ-ċkejknin.

**PREĊI**

Kbira sas-smewwiet hi t-tjieba li l-Missier etern ixerred dejjem fuq il-poplu tiegħu. Ngħajtu quddiemu bil-ferħ ta' qalbna u ngħidulu:
*Mulej, jifirħu dawk kollha li jittamaw fik.*
Missier, int bgħatt lil Ibnek mhux biex jagħmel ħaqq mid-dinja iżda biex id-dinja ssalva permezz tiegħu:
- agħtina l-ġid bla qjies li hu kisbilna bis-saħħa tal-mewt tiegħu.

Int għażilt is-saċerdoti tiegħek u għamilthom ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri tiegħek:
- agħtihom qalb sinċiera u żejjinhom bl-għerf u bl-imħabba.
Ftakar f'dawk li laqgħu s-sejħa tiegħek u għażlu l-ħajja safja minħabb s-saltna tas-smewwiet:
- żommhom fidili u bla għajb fil-mixi tagħhom wara Ibnek.
Int fil-bidu ħlaqt il-bniedem, u għamilthom raġel u mara:
- saħħaħ il-familji kollha fl-imħabba mill-qalb.
Inti lqajt is-sagrifiċċju ta' Kristu u bih neħħejt id-dnubiet tagħna:
- agħti l-maħfra ta' dnubiethom lil ħutna l-mejtin.

**Missierna**

**Talba**

Mulej, inti jogħġbok timla b'kull ġid tas-sema lil min hu bil-ġuħ; ftakar fil-ħniena kbira li dejjem turi magħna, u kattar id-doni tal-providenza tiegħek fuqna li ninsabu fil-bżonn. B'Ibnek.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**